# IL-MALTI                MI 22

***SYLLABUS***

| | |
|---|---|
| **Il-Malti IM 22** | (Jingħata f'Settembru wkoll) |
| **Is-Sillabu** | Oral (10 min.) + Karta waħda (3 sigħat) |

## Daħla

Dan is-sillabu għandu taqsima dwar l-użu ġenerali tal-lingwa, taqsima ta' studju lingwistiku u taqsima ta' studju letterarju.

Il-kandidati jridu juru li, kemm fl-oral u kemm fl-eżami tal-kitba, għandhom il-ħila jfissru ruħhom b'Malti tajjeb, bi kliem u b'idjoma magħżulin bir-reqqa, b'argumenti loġiċi u ċari marbutin flimkien. Fil-kitba tingħata importanza kbira lill-bini tas-sentenza u tal-paragrafu, u lill-ortografija. Fil-karta kollha l-kandidati jridu jiktbu proża kontinwa u l-eżaminaturi jqisu l-kwalità tal-lingwa fit-tweġibiet kollha.

Fejn tidħol il-kitba Maltija, il-kandidati jridu jsegwu l-ortografija uffiċjali ta' l-ilsien Malti, li hija magħmula mit-tliet dokumenti (1924, 1984 u 1992) li jidhru fil-paġni 1-143 ta' *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija 2* (pubblikazzjoni ta' l-Akkademja tal-Malti, 2004) u hija soġġetta għal kull aġġornament li l-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti jista' jippubblika minn żmien għal żmien.

## L-Għanijiet Ġenerali

Bis-saħħa ta' kors mibni fuq dan is-sillabu, il-kandidati għandhom jaslu biex:

1. ifissru ruħhom tajjeb u b'mod effettiv bil-Malti mitkellem u miktub;
2. jiżviluppaw sens ta' stħarriġ, kontinwità u dixxiplina fid-diskussjoni;
3. jifhmu l-mod kif kittieba differenti jinqdew bil-forma u bil-lingwa biex iwasslu l-kontenut tagħhom;
4. jinterpretaw xogħlijiet letterarji u japprezzaw il-valuri tagħhom.

## Ħtieġa għall-Istudju ta' dan is-Sillabu

Huwa rrakkomandat li l-kandidati jagħżlu li jistudjaw il-Malti fil-livell Intermedju jekk fil-livell taċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja jkunu għaddew għallinqas bil-Grad 5.

## L-Objettivi

Sabiex jilħqu dawn l-għanijiet fl-eżami, il-kandidati jridu:

1. jitkellmu u jiktbu ċar bil-Malti fuq suġġetti partikolari billi jinqdew b'vokabolarju wiesa' u bi stil xieraq;
2. jistħarrġu l-valuri ta' xogħlijiet letterarji;
3. jorganizzaw tagħrif, ideat, deskrizzjonijiet u argumenti u jippreżentawhom b'mod ċar u loġiku;
4. ifissru ruħhom sew fuq xejriet letterarji u lingwistiċi.

**Il-Binja ta' l-Eżami**

L-eżami hu magħmul minn oral ta' madwar għaxar minuti u eżami tal-kitba ta' tliet sigħat.

i. *L-Oral* (10% tal-marki kollha)

ii. *L-Eżami tal-Kitba* (90% tal-marki kollha)

- Taqsima A: Komponiment Ġenerali 30%
- Taqsima B: Komponiment fuq il-Lingwistika 20%
- Taqsima C: Komponiment fuq il-Letteratura (Poeżija) 20%
- Taqsima D: Komponiment fuq il-Letteratura (Narrattiva/Drama) 20%

**Is-Sillabu**

**i. *L-Oral*** (10% tal-marki kollha)

Il-kandidati jkunu eżaminati fil-Malti mitkellem permezz ta' oral li jieħu l-għamla ta' diskussjoni.
Jingħataw għadd ta' temi u/jew stampi għad-diskussjoni u l-kandidati jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur. Ma' kull tema jkun hemm xi punti biex l-eżaminatur ikun jista' jgħin lill-kandidati fid-diskussjoni.

**ii. *L-Eżami tal-Kitba*** (90% tal-marki kollha)

Il-karta jkollha dawn it-taqsimiet:

**Taqsima A: KOMPONIMENT ĠENERALI** (30% tal-marki kollha)

Jingħata għadd xieraq ta' temi, li jkunu ta' xeħta narrattiva, deskrittiva, argumentattiva u/jew xi forma ta' djalogu, biex tingħażel tema waħda.
Il-komponiment irid ikun fih bejn 450 u 500 kelma.

**Taqsima B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA** (20% tal-marki kollha)

It-test magħżul għal din it-taqsima huwa:

- Borg, K. (editur), *Lingwa u Lingwistika*, 1998,

li minnu jintgħażlu dawn il-kapitli:

Kap 5: Is-Sintassi
Kap 17: Il-Malti Lsien Imħallat
Kap 18: Il-Bilingwiżmu

Tingħata mistoqsija fuq kull kapitlu u l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda biss. Fil-każ tal-Kap 17 (Il-Malti Lsien Imħallat), il-kandidati għandhom jagħrfu japprezzaw kemm l-element bażiku Semitiku kif ukoll l-element Rumanz u Ingliż li żdied u ngħaqad miegħu.

**Taqsima Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA (POEŻIJA)** (20% tal-marki kollha)

It-test magħżul għal din it-taqsima huwa:

- Friggieri, O. (editur), *Il-Poeżija Maltija*, 1996.

Il-karta teżamina l-għarfien iddettaljat ta' xogħlijiet tal-poeti f'din l-antoloġija minn Dun Karm 'il quddiem (jiġifieri minn p.74 sa p.451).

It-temi magħżula huma:

- L-ambjent naturali
- L-identità ta' poplu
- It-tiġrib tal-ħajja

Jingħataw żewġ mistoqsijiet, waħda fuq tema u oħra fuq oħra, u l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda biss.

**Taqsima D: Komponiment fuq il-Letteratura (Narrattiva/Drama)** (20% tal-marki kollha)

F'din il-karta jiġi eżaminat l-għarfien iddettaljat ta' dramm u ta' rumanz:

- Ebejer, F., *Il-Ġaħan ta' Binġemma*
- Sammut, F., *Il-Gaġġa*

Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq kull xogħol. Il-kandidati jagħżlu xogħol wieħed minn din it-taqsima (id-dramm jew ir-rumanz) u jiktbu komponiment letterarju wieħed fuqu.